TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/157/15/S

Ernest Tonna
Vs
Aquarius Rent-a-Car Limited

Illum 26 ta' Novembru, 2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Ernest Tonna pprezentata fl-24 t'Awwissu,2015 u r-risposta tas-socjeta intimata Aquarius Rent-a-Car Limited ipprezentata fis-7 ta'Settembru,2015 kif ukoll il-kontro-talba tas-socjeta intimata pprezentata fis-17 ta'Settembru,2015;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom maghmula fis-seduta tal-1 t'Ottubru,2015;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda kirja ta'vettura u certi hlasijiet li qed jigu kkontestati mir-rikorrent;

Illi jinghad fl-ewwel lok li hi responsabilita ta' kull persuna li se tiffirma dokument jew`li se tidhol fi ftehim, li tezamina u tifhem l-istess dokument qabel tiffirma;

Illi kif gja kellu cans jikkummenta f'decizjonijiet ohra, dan it-Tribunal ihoss li kuntratt ghandu jkun car u li jinftiehem minn kulmin jiffirmah;

Illi dan it-Tribunal jaghmel riferenza ghad-decizjoni tieghu fl-ismijiet "Paul Deguara vs Melita plc" (CCT/494/11/S) u jaghmel tieghu l-argumentazzjoni hemm maghmula;

Illi jigi mtenni dak enuncjat mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fid-decizjoni taghHa tad-29 t'Ottubru,2004 u cioe: "*...Kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom u ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi. Biex kuntratt jissodisfa l-vot tal-ligi jehtieg li jkun fih dawk ir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-Artikolu 966 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-kapacita`, il-kunsens, l-oggett u kawza lecita. Naturalment jekk kuntratt jissodisfa dawn r-rekwiziti ma jistax jigi dikjarat null jew bla effett billi tali kuntratt jkun qed jirrifletti l-volonta` legittima tal-kontraenti liema volonta` hija suprema kif jixhdu r-regoli ta' interpretazzjoni li jinsabu fl-Artikolu 1002 et sequitur tal-Kap 16...*"[1]

Illi s-socjeta intimata ghamlet riferenza ghall-'booking' li sar 'online' mir-rikorrent u li skont is-socjeta intimata, qabel mal-hlasijiet li hemm imnizzla (DokET2) u mal-opzjonijiet rigward il-polza ta'assigurazzjoni(Dok ET3 u MA2);

Illi meta r-rikorrenti ghamel il-'booking', huwa jkun ta l-qbil tieghu mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-kirja u fil-fatt ircieva 'voucher' b'dak li tinkludi l-kirja u b'dak li hemm eskluz;

Illi jirrizulta li r-rikorrent ghazel li jiehu s'super collision damage waiver';

[1] "Vittoria Sciberras et vs Sister Adelaide Gauci noe et" (729/1993)

Illi ghalhekk jidher li hlief ghall-punt dwar il-kontravenzjoni, l-aggravji tar-rikorrent ma jistghux jintlaqghu gjaladarba hu stess meta bbukkja, qabel mal-istess;

Illi dan it-Tribunal jerga' jtenni li kulmin joffri servizz ghandu jaghmilha facli ghal kull konsumatur li jiddeciedi bl-iktar mod car possibbli;

Illi jigi ribadit li kull konsumatur ghandu jkollu car f'mohhu ghalxiex qed jaghti l-kunsens tieghu u ghalxhiex se jintrabat;

Illi mill-provi mressqa, it-talba ghal kumpens daparti tar-rikorrent mhijiex gustifikata ghajr ghal dik dwar il-kontravenzjoni fejn dan it-Tribunal qed jemmen lir-rikorrent fejn stqarr li kien informa lill-impjegati tas-socjeta intimata li kien se jikkontesta tali kontravenzjoni u ghalhekk din ma kellhiex tithallas mis-socjeta intimata;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' in parte it-talba ta' Ernest Tonna f'dak li ghandu x'jaqsam mal-kontravenzjoni biss u Jichad l-eccezzjoni tas-socjeta Aquarius Rent-a-Car Limited f'dan ir-rigward filwaqt li l-Jilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra tal-istess socjeta intimata, u Jordna lil Aquarius Rent-a-Car Limited thallas lil Ernest Tonna s-somma ta' €48.60, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru